MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru. 128/2009

Il-Pulizija
(Sp Ivan Cilia)
vs
Godfrey Saliba, iben Paul, imwieled l-Imtarfa fit-8 ta' April, 1956

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'Ottubru, 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn officċju pubbliku, jew minn bank jew

stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disppozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;
5. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
6. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie ikkundannat b’sentenza mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ April, 2009 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-meritu ta’ din il-kawża ġie eżawrit.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 167, 183, 184, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------